MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1776/2003

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Salvina Bugeja u l-istess Salvina Bugeja (C21550)**

**Vs**

**Lisa Mallia u William Baldacchino (I.D.) (10824 A) (55664 M) rispettivament**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici fejn l-atturi talbu li l-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma ta' erba' mija u sitta u tletin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm436.68c) rapprezentanti danni f'incident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenuta Lisa Mallia fejn qalet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante illi l-incident in kwistjoni ma garax tort tal-konvenuta, izda unikament tort ta' Salvina Bugeja u William Baldacchino kawza ta' mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-Risposta tal-konvenut William Baldacchino fejn qal illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan stante li l-incident de quo ma kienx tort il-konvenut izda sehh unikament tort ta' xi haddiehor.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra n-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta Lisa Mallia, li biha teccepixxi bir-rispett illi t-talba ta' l-atturi hija preskritta fil-konfront ta' l-istess konvenuta, u dana ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-annessa Ittra datata 15 t'Ottubru, 2001 rikjesta skond l-Artikolu 2153 u 2154 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn is-socjeta' attrici Citadel Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Salvina Bugeja, u l-istess Salvina Bugeja, jinterpellaw lill-konvenuti Stephen Mallia u William Baldacchino sabiex fi zmien tlett ijiem jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni fis-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500), jew ammont verjuri b'konsegwenza ta' l-istess incident li gara b'tort unikament taghhom, minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghhom. Waqt li tavzahom illi fin-nuqqas, ser jittiehdu proceduri ulterjuri bil-Qorti kontra taghhom minghajr avviz iehor.
Ra x-xhieda ta' Dr Edmond Zammit Laferla, Legal Executive Officer mas-socjeta' attrici. Huwa jesebixxi prospett tad-danni b'kopja lill-kontro-parti. Jiddikjara li fil-perjodu bejn meta grat il-habta sa sentejn wara, Lisa Mallia qatt ma giet interpellata min-naha taghhom. Jghid li ghandu Ittra Ufficjali kontra Stephen Mallia u William Baldacchino, datata 15 t'Ottubru, 2001 izda mhux kontra Lisa Mallia.

Ra x-xhieda ta' PS 808 Nazzareno Sammut. Jghid li mar fuq il-post ta' l-incident fejn ghamel skizz u hejja *Road Accident Report* li huma esebiti. Nizzel fihom dak kollu li qalu l-partijiet. Huwa ra l-hsara tal-vetturi u mmarkahom fuq l-istess rapport. Fil-kontro-ezami jiddikjara li ma kienx hemm habta bejn il-Hyundai u l-Polo, jigifieri bejn Lisa Mallia u Salvina Bugeja.

Ra x-xhieda ta' Dr Edmond Zammit Laferla, li jipprometti li darb' ohra jesebixxi kopja ta' fax mibghuta minn Max Borg Bonello, ghan-nom ta' Gasan sabiex jintbaghtu l-ircevuti. Jghid li wara din il-fax, ta' GasanMamo rriversjaw kollox. Jesebixxi wkoll ir-risposti sussegwenti.

Ra x-xhieda ta' Salvina Bugeja li tiddikjara li fil-hin ta' l-incident kienet qieghda ssuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAT 943. Waqfet sabiex tghin lill-konvenuta Lisa Mallia li kienet involuta f'incident tat-traffiku. Wara ftit hin, waqaf sewwieq iehor biex jara jekk kienx hemm bzonn ta' xi ghajnuna.

Dan ipparkja l-Jeep tieghu wara l-vettura ta' l-imsemmija Salvina Bugeja. Sewwieq iehor waqaf u cempel lir-ragel ta' Lisa Mallia. Dak il-hin titfacca vettura gejja *full speed* fid-direzzjoni taghhom. Tghid li:

"At the time of the accident I was facing the house on the side and I cannot say what happened. I heard a lot of cars hitting each other and by the time I turned around the position of the cars on the road had all been changed."

Tikkonferma li kellha zebgha hamra fuq il-vettura taghha meta giet milquta mill-vettura Toyota LAW 953.

Fil-kontro-ezami tghid li meta waqfet biex taghti l-ghajnuna, l-vettura Toyota ma kienetx fuq il-post izda kien hemm biss il-vetturi Polo u Citroen wieqfin. Tikkonferma li qatt ma kien hemm kollizjoni bejn il-vettura taghha u l-Polo.

Ra x-xhieda ta' Lisa Mallia, li kienet qieghda ssuq Polo EAG 897 fil-hin ta' l-incident. Tghid li:

"The road was very dark. There was a car coming towards me. This car had bright lights and was not driving on his side. He was driving sometimes on his side sometimes in the middle and as he approached me I got blinded by the lights and I swerved my car to the left. Then I lost control and hit a truck that was parked left on the road."

Sa dak il-hin ma kienx hemm karozzi fit-triq, hlief il-vettura li kienet gejja fid-direzzjoni taghha u t-trakk ipparkjat, u ma kienx hemm kollizjonijiet ohra. Tikkonferma l-pozizzjoni tal-vettura taghha fuq l-iskizz. Sewwieqa ohra waqfet sabiex taghti l-ghajnuna w offriet li ccempel lill-pulizija u lir-ragel tal-konvenuta. Din ipparkjat ftit 'il fuq mill-karozza tal-konvenuta. Sadanittant vettura ohra tfaccat u li kienet sejra lejn id-direzzjoni taz-Zejtun. Tghid li:

"…this truck was going at a high speed. I heard the brakes screech of the truck. This truck hits the car of the lady that had stopped to help me and pushed her car onto another car. There was absolutely no collision between my car and the car of the lady who stopped to help me."

**Ikkunsidra**

Illi wara l-habta Lisa Mallia qalet li habtet ma' PIR 003 li kienet ipparkjata. William Baldacchino qal li ra l-kollizjoni izda kien tard wisq u ghalhekk habat ma' IAV 893. Salvina Bugeja qalet li kienet wieqfa meta karozza ohra habtet go fiha.

Fil-*Brief Description* li hemm fir-*Road Accident Report* hemm miktub hekk:

"Jeep number IAV 893 also stopped to give assistance and was hit on the rear by van number LAW 953 (misjuq minn Baldacchino)…through the impact Jeep number IAV 893 was moved for several meters and hit car number AAT 943 which was parked."

Illi William Baldacchino naqas li jixhed biex jikkontesta din il-verzjoni.

Illi ghalhekk jirrizulta li d-danni sofferti mill-atturi kienu rizultat tan-negligenza tal-konvenut William Baldacchino li kien qed isuq b'certu speed (halla *brake marks* ta' tmintax-il metru u mbotta l-Jeep fuq karozza ohra). Baldacchino ma kienx qieghed jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi u naqas li jzomm *a proper lookout*.

Illi ma saret l-ebda Ittra Ufficjali kontra Lisa Mallia. Il-habta grat fis-26 ta' Frar, 2000 u l-kawza giet ipprezentata wara sentejn minn dakinhar. Ghalhekk it-talba ta' l-atturi fil-konfront taghha hija preskritta.

Illi d-danni ma gewx ikkontestati u gew esebiti l-ircevuti.

Ghaldaqstant jiddikjara li l-konvenut William Baldacchino kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundannah ihallas is-somma ta' erba' mija u sitta u tletin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm436.68c) bl-imghax mid-data ta' l-Ittra Ufficjali datata 15 t'Ottubru, 2001 u bl-ispejjez tal-kawza hlief l-ispejjez ta' Lisa Mallia. L-atturi ghandhom ihallsu l-ispejjez ta' Lisa Mallia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------